**Nota Editorjali:**

*Meta kienet qed issir ir-riċerka minn Charles Farrugia għall-ktieb tiegħu Sicut Lilium, skopra l-festa tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa Għawdex kif ukoll lill-kittieb Għawdxi Anthony Farrugia li għandu ferm għal qalbu l-kult lejn l-Immakulata Kunċizzjoni u dak kollu li jorbot miegħu. Minn dakinhar 'il hawn l-istess kollaborazzjoni wasslet għal artiklu dettaljat dwar il-festa tal-Madonna tal-Ġilju f'Għawdex. L-artiklu bl-isem 'Il-Festa tal-Imqaddsa Verġni tal-Ġilju fil-Knisja tal-Patrijiet Minuri Konventwali f'Għawdex' żvela dettalji mill-aktar interessanti u introduċa wkoll diversi personaġġi storiċi fosthom lil Anġolin Spiteri. (Charles J. Farrugia (ed.), Sicut Lilium: Devozzjoni u ritwal tul is-sekli, Soċjetà Muzikali Madonna tal-Ġilju, 2012, pp. 119-146). Peress li r-riċerka kienet innovattiva u mill-qiegħ, ma kienx possibbli li fil-ktieb Sicut Lilium indaħħlu l-informazzjoni kollha li nstabet. Ġara li fl-istess ktieb l-editur Charles Farrugia ppubblika għall-ewwel darba informazzjoni minn volum miżmum f'kollezzjoni privata. Il-volum bl-isem 'Calendazione di messe dei legati annessi al Ven: e Giuspadronato Altare dell'Incoronazione di Maria V sive di San Giuseppe eretto nella Santa Parrochiale Chiesa di Casal Micabbiba'. F'dan il-manuskritt jingħata prominenza l-legat li kien hemm fl-Imqabba ta' Anġolin Spiteri. Dan il-kuntratt ġie studjat f'aktar dettall wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb. Dan l-artiklu hu frott dik l-intensifikazzjoni tar-riċerka f'din l-aħħar sena. Id-direzzjoni tirringrazzja lil Charles Farrugia, Anthony Farrugia kif ukoll Anthony Bonello li għen fil-qari tal-provi ta' dan l-artiklu u lil Patri Ruggier Camilleri għat-traskrizzjoni mil-Latin.*

Nhar il-24 ta' April 1687, il-kunvent waħdieni tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri Konventwali fil-gżira ta' Għawdex, kellu jgħaddi mill-għajnejn tal-Isqof David Cocco Palmieri u dawk li kienu jgħinuh, waqt viżta Pastorali li saret fih u fil-Knisja ta' San Franġisk, maġenb l-istess Kunvent. Fil-bieb tal-Knisja sab x'jilqgħu lill-Gwardjan tal-Kunvent Patri Majjistru Joanne Maria Habela u l-patrijiet li kienu jgħixu miegħu fil-Kunvent: Patri Bonaventura Vella, Patri Joannes Fenech, Patri Seraphinus Bugeia, Patri Bernardus Zerafa, u Patri Michael'Angelus Mifsud, li lkoll kienu mogħnija bil-qawwa li jqaddsu l-quddies. Kien hemm ukoll ma' dawn Fra Ioachim Mangion, lajk, u Joannes Xuereb terzwarju. L-Isqof, b'asperġes f'idu bierek l-intier tal-knisja u baqa' sejjer sal-kor fejn kanta Te Deum u talab għall-erwieħ mejta. Qabad jinviżta t-tabernaklu tal-Injam li kien jostor is-Santissmu Sagrament li kien imħares f'pissidi tal-fidda indurat bid-deheb. It-tabernaklu kien mgħotti b'kanapew vjola li kien imberfel b'frenez dehbija. Il-ġewwieni tiegħu kien miksi b'drapp ħamrani, li l-viżitatur għamar li jinbidel f'abjad. Wara, huwa resaq lejn fejn kien hemm merfugħa ż-żjut imqaddsa, f'armarju li kien jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-kor. Kompla jinviżta l-artal maġġur fejn ġibidlu l-attenzjoni lampier li kien jixgħel quddiem is-Santissmu Sagrament. Jilbes u jinża' stejjel u paramenti skont l-ilwien liturġiku marbut ma' kull parti mill-viżta, dan kif kien jitlob minnu r-rit Ruman, il-viżitatur għadda sabiex iżur is-sitt artali li kienu jinqiemu fil-korsija tal-knisja: L-Immakulata Kunċizzjoni, Sant Antnin ta' Padova, il-Beata Zita, Santa Marija tal-Anġli jew il-Porzjunkola, San Sidor il-Bidwi u l-Beatu Salvatore Ab Horta tal-Ordni tal-Konventwali.

L-ewwel li ma' resaq kien lejn l-artal tal-Immakulata Kunċizzjoni. Dan kien jiġi l-ewwel artal fuq idek il-leminija malli tinżel it-tarġa tal-artal il-maġġur. Il-viżitatur sab li dan l-artal kien mgħammar b'dak kollu li kien meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddies. L-artal kellu tila mpittra bix-xbieha tal-Imqaddsa Verġni Marija Immakulata Kunċizzjoni li quddiemha kellha jixgħel lampier. Fuq dan l-artal kien hemm imwaqqfa l-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni li kienet tiċċelebra l-festa tal-Immakulat Kunċepiment ta' Marija Santissima nhar it-8 ta' Diċembru, ta' kull sena. Imma, barra dan, kull tieni Ħadd tax-xahar, l-istess Fratellanza kienet tagħmel ukoll purċissjoni żgħira mad-dawra tal-kunvent. Dan kienet tagħmlu għar-rebħ tal-indulġenza. Din il-Fratellanza kienet ġiet imwaqqfa, erbgħa u għoxrin sena qabel, nhar id-29 ta' Jannar 1663, b'digriet tal-Isqof Balaguer de Camerasa sabiex ixxerred id-devozzjoni lejn il-Kunċepiment ta' Marija Santissma.

## Il-Legat ta' Anġolin Spiteri

F'żgħuritha, din il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni kienet ġiet iddotata b'legat li kien ta' siwi kbir għax-xbejbiet foqra tal-gżira ta' Għawdex. F'dan iż-żmien li qed nitkellmu minnu, il-faqar kien jaħkem lil bosta li l-mezzi tal-għajxien tagħhom ma kinux jaħmluhom jgħixu ħajja bla tbatija. Kien hemm xebbiet xortihom tajba li kienu jsibu min jiddotahom

sabiex jiżżewġu, iżda dawn ma kinux ħafna. L-oħrajn kienu jbatu biex isibu b'xiex jitrejqu, aħseb u ara jekk kemm kien ser ikollhom dota biex jiżżewġu. Il-ħrara għaż-żwieġ, iżda, kienet tagħmel bihom bħalma kienet tagħmel b'dawk tat-tajjeb. Għal dawn il-foqra li d-dinja ma tantx kienet tidħkilhom, kienet teżisti tama żgħira. Kien għalhekk mnejn tmisshom ix-xorti li jitilgħu fid-dota tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni mwaqqfa fil-Knisja ta' San Franġisk. Jekk jakkwistawha, kienu jingħataw il-flus, li kienu għalihom biżżejjed biex jiżżewġu u jrawmu l-familja tagħhom.

Din il-Fratellanza kienet għalhekk marbuta li nhar il-Festa tal-Immakulta tiġbor bħal qaqoċċa lill-fratelli quddiem l-artal tagħha. Kienet dik il-Festa tal-Kunċizzjoni bħal donnu tiġbed lil miġemgħa lejn il-Knisja ta' San Franġisk, wisq aktar mill-ġranet l-oħra tas-sena. Il-fratelli kienu jinġabru lkoll flimkien mal-patrijiet u l-uffiċjali tal-Fratellanza, ftit wara li jispiċċa l-għasar, sabiex jassistu għat-tlugħ tal-polza marbuta mal-Legat ta' Anġolin Spiteri. X'kien dan il-Legat?

## It-testment ta' Anġolin Spiteri



Silta mit-testment ta' Angolin Spiteri (Ħajr: Arkivji tan-Nutara)

Il-Legat għax-xebbiet foqra kien waqqfu Anġolin Spiteri. Dan Anġolin kien jiġi bin Pasquale. Nhar is-17 ta' April 1668 kien jinsab mixħut f'soddtu jistenna l-mewt. Il-Ħniena riedet li jibqa' f'sensieh u minkejja l-istat fraġli u ta' mogħdrija li kien sab ruħu fih, dakinhar sejjaħ għal qribu lin-Nutar Joannis Andrea Madiona sabiex iħejjilu t-testment. Anġolin, b'sens għaqli ta' devozzjoni lejn Marija Santissima u l-qaddisin tas-sema kaħlan, b'fidi retta f'Alla Kbir u Qawwi, ried li l-fdal ta' ġismu miġbura f'katavru la jmut jindifnu fil-Knisja ta' San Franġisk tar-Rabat ta' Għawdex. Wara li ħalla bi ħlas għad-drittijiet u l-jeddijiet tiegħu lill-Gran Mastru, lill-Isqof u lill-Parroku, obbliga li jsirlu l-quddies fit-tieni u fit-tielet jum minn mewtu, għeluq ġimgħa u għeluq xahar, ġewwa l-istess Knisja ta' San Franġisk. Sa tliet snin wara mewtu kellu jibqa' jitqaddes il-quddies għal bżonnijiet ta' ruħu.

Anġolin għadda mbagħad biex waqqaf legat favur il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-istess testment li qed insemmu. Huwa rabat lill-Prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni biex ta' kull sena, nhar it-tmienja ta' Diċembru, dan joħroġ erbatax-il uqija mill-interessi li kien ser jirrendi l-legat li kien qed iwaqqaf, sabiex jagħtihom lil xebba fqira li riedet tiżżewweġ. Ix-xebba kellha tingħażel bil-polza, kellha tkun Għawdxija, ma riditx tkun diġà miżżewġa, kellha tkun verġni u fuq kollox fqira, bla flus, ta' fuqha senduqha. Anġolin ried li x-xebba li tkun telgħet bil-polza tiċċelebra ż-żwieġ tagħha mal-ġuvni ta' qalbha, fil-Knisja ta' San Franġisk, f'quddiesa solenni li kellha ssir nhar it-tieni Ħadd ta' Ġunju. Imma kellha tiskatta klawżola ta' eċċezzjoni waħda: li jekk xebba minn dawn kellha tkun tiġi minnu, jiġifieri, tkun qariba ta' Anġolin sar-raba grad fid-demm, allura f'dan il-każ, dina kellha taqbeż lil kulħadd u tiddota mill-erbatax-il uqija hija qabel ħaddieħor.[1]

Maż-żmien, it-tlugħ tal-poloz beda jsir quddiem ix-xhieda ta' Nutar Pubbliku. Minn għadd ta' dikjarazzjonijiet magħmula f'Atti ta' diversi Nutara aħna nafu kif kien isir it-tlugħ ta' dan il-legat. Nhar jum it-8 ta' Diċembru, ix-xebbiet imħajra għaż-żwieġ kienu jsibu fratell tal-Immakulata li jkun jaf jikteb, sabiex iniżżlilhom isimhom fuq biċċa karta li kellha tinxteħet f'maktur abjad li kien ikun mifrux fuq il-mensa tal-artal. Fuq il-poloz kien jinkiteb l-isem u l-konjom tax-xebba, l-isem tal-missier u tal-omm, u l-post jew raħal fejn tkun toqgħod. Il-poloz kienu jiltwew u jinxteħtu fil-maktur. Wara li jitħawdu, kienet tittellgħa l-ewwel polza. Jinqara l-isem, u n-Nutar imqabbad kien iniżżel l-isem tax-xebba fl-Atti tiegħu, bħala dik li setgħet tiggwadanja mill-Legat. Ġieli iżda ġara li x-xebba ma setgħetx tieħu l-flus minħabba li tkun kisret xi waħda mill-kriterji li fisser Anġolin. Għalhekk, dakinhar tal-polza kien jittella' isem ta' xebba oħra, li kienet tkun "tat-tieni", sabiex tiddota mill-Legat, jekk kemm-il

darba f'"tal-ewwel" ikun instab xi difett li jtellifha milli tieħu l-legat. Ġieli ġraw każi ta' din id-dinja fejn darba telgħet xebba bix-xorti fil-Legat, li ferħana kemm kienet ferħana, sa ma waslet biex tirċievi l-flus xi snin wara, dina kienet laħqet mietet. Għalhekk daħlet biex tieħu l-flus minflokha "tat-tieni".


Ritratti li juri l-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Għawdex

## L-Obbligu tal-Imqabba

Issa fil-Viżta Pastorali tal-1687 hemm imsemmi obbligu ieħor li kien impona fuq il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni tar-Rabat Għawdex, l-imsemmi Anġolin Spiteri. Huwa obbligu ftit kurjuż li kellu s-saħħa jaqsam fliegu, u jasal sar-raħal tal-Imqabba Malta. Dan Anġolin xtaq li l-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni tagħmel disa' quddisiet letti, fid-disat ijiem ta' qabel il-festa tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu jiġifieri, tieħu ħsieb tal-quddies li jsir matul in-novena tal-Milied. Tlett quddisiet oħra kellhom isiru nhar il-jum tal-Milied. Sabiex jagħmel tajjeb għal dan il-legat, Anġolin rabat id-dħul li kienu jirrendulu xi djar li kellu l-Imqabba Malta. Anġolin għamilha ċara illi jekk għal xi raġuni l-Fratellanza tal-Immakulata ma kinitx sejra twettaq dan l-obbligu tal-quddies, ix-xewqa tiegħu kellha titwettaq fir-raħal tal-Imqabba. L-ewwel li ma kellhom jingħatalhom d-dritt tal-għażla li jaċċettaw dan l-obbligu, jekk dejjem il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni tar-Rabat ta' Għawdex kellha twarrbu, kellhom ikunu l-Fratelli tas-Santissimu Sagrament imwaqqfa fil-Knisja tal-Imqabba. Jekk lanqas dawn ma kellhom jaċċettaw li jagħmlu l-quddies fin-novena u fil-Milied kif mitlub, allura kien imbagħad imiss lill-Fratellanza tas-Santissimu Rużarju mwaqqfa fl-istess raħal tal-Imqabba biex taċċettah.[2]

Il-Viżta tal-Isqof Cocco Palmieri fuq l-artal tal-Immakulata ħaditu wkoll fl-Oratorju ta' din il-Fratellanza li kien għadu qed jinbena. Il-fratelli kienu jidħlu għalih minn naħa tal-lemin tal-kor kif għadu jsir hekk sal-lum. Il-Prokuratur tal-Fratellanza ta' dak iż-żmien kien Patri Joannes Fenech li aktar tard kellu jħallas il-kwadru titulari ta' San Franġisk qed jirċievi l-pjagi, li baqa' magħna sal-ġurnata tal-lum.

*Anthony Farrugia*

**Noti u referenzi**

[1] ANM, Atti Nutar Giovanni Andrea Madiona, Testment Angolin Spiteri (17 ta' April 1668), 500v-503v

[2] AEG, Visitationes Pastorales Palmeri (1687), 576v


# ELECTROCARE

25, Valletta Road, Kirkop. Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755

T.V. Retailer of
**LED TVs:**
**Panasonic, Samsung, etc**
Retailer of
**Hi Fi systems,**
**Car Stereos, Speakers etc.**

***We specialise in TV repairs***

